**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**Magistrat**

**Dr Consuelo Scerri Herrera LL.D. DIP. MATR. (Can)**

**Seduta mizmuma llum, 26 ta' Ottubru 2016**

**Rikors Numru: 372/15 CSH**

**Andrew Vassallo General Trading Limited (C-45790)**

**vs**

**Pierre Baldacchino**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ipprezentat mis-socjeta' attrici nhar l-14 ta' Dicembru 2015 fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallasha s-somma ta' hamest elef, tmien mija w hamsa w disghin Ewro (€5,895) jew kull somma ohra verjuri li tigi likwidata minn din il-Qorti sal-kompetenza massima taghha, rapprezentanti bilanc tal-prezz ta' xoghlijiet ta' aluminium u installazzjoni ta' tarag, liema xoghlijiet gew ezegwiti mir-rikorrenti fuq struzzjonijiet tieghu.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv.

Il-konvenut huwa ngunt biex jidher ghas-subizzjoni.

Rat il-verbal datat 12 ta' Ottubru 2016 fejn l-avukat difensur tas-socjeta' attrici ddikjara li l-bilanc restanti dovut lis-socjeta' attrici minghand il-konvenut huwa elf u hamsa u disghin ewro (€1,095).

Rat illi l-konvenut kien debitament notifikat skond riferta pozittiva tal-Marixxall Marco Bonnici datata 9 ta' Mejju 2016 a fol.9 tergo tal-process.

Illi fis-seduta tad-19 ta' Ottubru 2016 l-avukat difensur tas-socjeta' attrici pprezenta kapitolu fil-konfront tal-konvenut.

Rat illi fis-seduta tas-26 ta' Ottubru 2016 il-konvenut gie msejjah izda ma deherx, la biex jikkontesta t-talba attrici u lanqas biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant il-Qorti, wara li semghet lill-avukat difensur tas-socjeta' attrici jghid li d-debitu fl-ammont ridott u indikat fil-verbal tal-Qorti tat-12 ta' Ottubru 2016 ghadu dovut, issib li t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma f'ammont ridott minn dak indikat fir-rikors promotur.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa' it-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf u disgha u hamsin ewro (€1,095) ghar-ragunijiet indikati fir-rikors, bl-imghaxijiet legali jidbew jiddekorru mid-data tan-notifika tar-rikors promotur.**

**Bl-ispejjez kontra l-konvenut.**

**Dr Consuelo Scerri Herrera LL.D.**
**Magistrat**

**Graziella Attard**
**Deputat Registratur**